**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta’ Gunju, 2016

Rikors Nru : 185/16 AL

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. ILLI l-partijiet izzewgu fil-5 ta’ Awwissu 1995 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt titfal Nikolai li ghandu 19 il-sena u Melanie li ghandha 17 il-sena;
2. ILLI l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dottor Anton Borg iffirmat fl-14 ta’ Gunju 2013 Dok AS1 izda separati de facto mit-13 ta’ April 2012 Dok AS2;
3. ILLI ghalhekk l-partijiet ilhom de facto separati ghal iktar minn erba snin;

4. ILLI m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixu flimkien u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. ILLI lanqas ma hemm problem ta' manteniment stante li skond l-kuntratt hawn fuq citat paragrafu 5, l-esponenti ma kelliex obbligu li thallas manteniment ghat-tfal ;
6. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha ikkonferma li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jigi ppronunzjat d-divorzju bejn il-kontendenti f'din il-kawza purche hu ma jbati l-ebda spejjez;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2016;

Semghet lir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi

ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Gunju 2013 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.